MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 9/2008

A

Vs

B

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu l-attur ippremetta li:

Il-partijiet izzewwgu fid-19 ta' Settembru 1993 u miz-zwieg twieldu t-tfal C u D ta' 13 il-sena u 10 snin.

Il-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' sentenza li nghatat fil-****  fil-kawza A vs B (Cit. nru: ***).

Il-kunsens tal-konvenuta kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali , jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ukoll il-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' wiehed jew ta' aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ghaldaqstant l-atur qieghed jitlob li l-Qorti tiddikjara z-zwieg li gie celebrat fid-19 ta' Settembru 1993 hu null ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fil-5 ta' Gunju 2008 (fol. 8) il-konvenuta eccepiet li taqbel li z-zwieg hu null, pero' ghal ragunijiet li m'humiex imputabbli ghaliha. Kien l-attur li kellu l-kunsens vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ukoll il-kunsens tal-istess attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Wara z-zwieg l-attur wera li kien immatur, mohhu sabiex jigri barra mal-hbieb u jixxala u jaghmel zmien twil ighix fl-esteru. Qatt ma kien jaghti kaz tat-tfal u lanqas qatt ma ndenja ruhu jaghmel dawk l-affarijiet bazici ta' missier u jinteressa ruhu fit-trobbija tat-tfal. Qatt ma rrealizza li qieghed ighix go familja, u ghalhekk qatt ma kien konxju tal-fatt li fiz-zwieg kellu obbligazzjonijiet essenzjali x'jaqdi u dmirijiet li jwettaq. Dejjem ghamel l-oppost ghal dak li kien jinteressa lill-istess familja u ghamel djun kbar f'Ghawdex, u meta jfettillu isiefer u jirritorna meta jkun jaqbillu.

Semghet ix-xiehda tal-konvenuta.

Rat l-atti fosthom is-sentenza parzjali li nghatat fit-13 ta' Awwissu 2008.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Skond l-Artikolu 19(1) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255):-

(*d*) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

2. Fil-fehma tal-qorti mill-provi hu evidenti li fid-19 ta’ Settembru 1993 l-partijiet zzewwgu ghar-raguni zbaljata. It-tqala kien il-fattur deciziv ghalfejn gie celebrat dan iz-zwieg. Zwieg li fil-fehma tal-qorti qatt ma kellu jsir. Hu evidenti li meta l-konvenuta harget tqila, il-partijiet kienu ghadhom qeghdin isiru jafu lil xulxin u ghalhekk lanqas biss bdew jiddiskutu l-pjanijiet ghall-futur u z-zwieg. Kien att irresponsabbli min-naha taghhom. Il-preparamenti kollha saru f’temp ta’ sitt (6) gimghat minn omm il-konvenuta. Kollox bl-ghagla u xejn ippjanat. Il-familji rispettivi tal-partijiet ikkontribwew mhux ftit sabiex jigi celebrat dan iz-zwieg. Hadd minnhom ma kien ghadu haseb jew ippropona ghaz-zwieg. L-attur spjega: *“Illi kemm jien u kemm B ma kellniex pjanijiet jew hajra li nizzewwgu.....”* (fol. 18). Missier il-konvenuta ma kien ha tajjeb xejn l-ahbar li bintu harget tqila. Probabilment il-fatt li Ghawdex hi komunita’ zghira ma kenitx ta’ ghajnuna. F’din l-atmosfera l-qorti hi konvinta li l-kontendenti, zghazagh li ghadhom qeghdin isiru jafu lil xulxin u jiskopru x’toffri l-hajja, ma kienux f’posizzjoni li japprezzaw il-pass importanti li kienu ser jiehdu. Dak li gara fiz-zwieg hu prova ta’ kemm l-affarijiet ma sarux sew. Il-partijiet ma kienux kapaci li jqiesu dak li verament riedu, u dak li ried is-sieheb/siehba, u s-shubija ntima li jgieb mieghu iz-zwieg. Fi kliem iehor l-abilita’ diskrezzjonali trid tkun proporzjonata man-natura taz-zwieg u mhux ma’ xi oggett iehor. L-abilita’ li l-partijiet jaghmlu decizjoni mportanti u responsabbli kienet serjament mgharrqa mill-pressjoni u

c-cirkostanzi mhux mistennija li sabu ruhhom fihom u li taw lok ghal konfuzjoni emozzjonali. Fatturi li nehhew ghal kollox il-kapacita' li l-partijiet jaghmlu gudizzju kritiku li kellu jwassalhom ghal decizjoni dwar iz-zwieg lis-sieheb/siebha f'dawk ic-cirkostanzi. Mill-provi hu evidenti li l-partijiet hasbu fuq it-tqala u mhux fuq iz-zwieg. Dan wassal lill-kontendenti sabiex jaghmlu gudizzju fqir in kwantu ma kienux kapaci li jaghmlu evalwazzjoni korretta dwar it-tip ta' rabta li kienu ser jidhlu fiha biz-zwieg. Fil-preparament ghal dan iz-zwieg ma kien hemm l-ebda serjeta' u l-qorti hi konvinta li d-decizjoni li hadu l-partijiet kienet impulsiva u frott biss tal-pressjoni li saret mill-familjari u paniku li qabadhom meta l-konvenuta skopriet li harget tqila. M'hemmx dubju li din l-ahbar xejn mistennija halliet impatt psikologiku fuq il-partijiet. Jista' jkun li l-partijiet setghu hasbu li biz-zwieg kienu ser ihollu l-kobba li sabu ruhhom fiha. Fid-19 ta' Marzu 1994 twieled l-ewwel tifel (C). Bhallikieku dan ma kienx bizzejjed, sena u nofs wara l-konvenuta regghet harget tqila u fl-20 ta' Gunju 1996 twieled it-tieni tifel (D). Kien waqt it-tieni tqala tal-konvenuta li zewgha ddecida li jibda jahdem barra minn Malta ghaliex iddecida li ma jridx ikompli jahdem f'Ghawdex. Decizjoni li jidher li ha kontra r-rieda ta' martu. Ghall-ewwel kien isiefer ghall-perjodi ta' sitt gimghat, izda mbaghad beda jsiefer ghall-perjodi ta' tlett (3) xhur kull darba. Jidher li l-konvenuta spiccat wahedha trabbi lit-tfal. Ukoll fil-perjodi qosra li l-attur kien jaghmel f'Malta ma jidhirx li kien jaghti wisq kontribut fid-dar. Il-konsegwenza ta' dan kollu kien li l-koppja ma rnexxiliex tibni relazzjoni fiz-zwieg, u iktar ma jghaddi z-zmien iktar bdew jitbieghdu minn xulxin sakemm waslu ghas-separazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tiddikjara li z-zwieg li kkuntrattaw il-partijiet fid-19 ta' Settembru 1993 hu null u minghajr effett ghaliex il-kunsens taghhom kien vizjat kif jiddisponi l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, salv ghal dawk li jirreferu ghas-sentenza parzjali tat-13 ta' Awwissu 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------